MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 1034/2003/1

**Francis Gauci**

**v.**

**Jimmy Bugeja**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell – proprjament zewg appelli, ghax hemm appell incidentali – dwar incident fuq il-post tax-xoghol li fih wegga` l-attur. Is-sentenza appellata nghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2007. L-appell tal-attur Francis Gauci gie ntavolat fit-23 ta' Lulju 2007. Ir-

risposta, bl-appell incidentali maghha, giet prezentata fl-10 ta’ Awwissu 2007. L-appell instema’ fid-19 ta’ Ottubru 2009 u thalla ghas-sentenza ghal-lum. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata u li minnha jirrizultaw il-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

**“Il-Qorti:**

**“Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-8 ta` Ottubru, 2003, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:**

**“1. F`incident li gara fl-20 ta` Novembru, 2001 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta` wara nofsinhar (14.30), fuq il-post tax-xoghol, cioe` Portomaso fejn l-attur kien dettaljat biex jahdem mill-konvenut waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-attur sofra ferita sostanzjali f`idejh il-leminija li b’konsegwenza taghha tilef ix-xoghol u sofra dizabilita` permanenti u danni ohra konsegwenzjali.**

**“2. Ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa responsabbli unikament il-konvenut minhabba li naqas li jiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident in kwistjoni.**

**“3. Ghalkemm interpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, anke permezz ta` ittra ufficjali datata 17 ta’ Lulju, 2003, il-konvenut baqa’ inadempjenti.**

**“4. L-attur meta gara l-incident fuq ix-xoghol kien impjegat biex ihaddem makkinarju kbir u** [recte: ta’] **kull generu, komprizi *cranes* kbar u ngenji ohra specjalizzati, kif jigi pruvat minnu bil-gurament, xoghol specjalizzat li kien jirrendilu paga medja ta’ izjed minn disghin liri maltin (Lm90) filgimgha u minhabba l-incident hu sofra dizabilita` permanenti ta’ izjed minn tlieta u ghoxrin percentagg (23%).**

**“5. Minhabba dan l-incident l-attur ma jistax jkompli f’dan ix-xoghol li ghalih huwa specjalizzat u minhabba l-ferita f’idejh il-leminija huwa prekluz ghal dejjem milli jaghmel xoghol manwali, bhal qabel.**

**“6. L-attur m’ghandux preparazzjoni letterarja idonea li jista’ jsib xoghol mhux manwali.**

**“7. Premessi id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvediment opportuni.**

**“Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:**

**“1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit li gara fl-20 ta` Novembru, 2001 waqt il-hin tax-xoghol, f’liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna, u dana ghar-ragunijiet fuq indikati u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**“2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-imsemmi incident, anke permezz ta’ periti nominandi.**

**“3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik issomma li tigi hekk likwidata, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-17 ta` Lulju, 2003 sad-data taleffettiv pagament.**

**“Bl-ispejjez inkluzu dawk tal-ittra ufficjali, harrek lil konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.**

**“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li in forza taghha l-konvenut eccepixxa illi:**

**“1) L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident *de quo* ma garax htija tal-konvenut izda unikament htija tal-attur innifsu.**

**“2) It-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur.**

**“3) Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li l-konvenut m’ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur.**

***-- omissis --***

**“Ikkunsidrat:-**

**“Illi jirrizulta li l-attur kien jahdem mal-konvenut fuq xoghol tal-bini. Hu kien jigi mqabbad l-aktar biex isuq *tower-cranes* u vetturi ohra kbar. Ghal habta ta` Novembru tassena 2001, l-attur kien qieghed jahdem fuq bini 7 sulari gholi. Hu kien qed jahdem fis-sular ta’ fuq nett, u kien qed ihaddem *tower-crane*, bir-*remote control*, permezz ta’ kaxxa li kellu marbuta ma’ zaqqu. F’hin minnhom, dar u ghamel xi pass lura, inqasmet gebla tal-*bricks* taht saqajh, waqghu xi *pipes* tal-hadid, u dawn wadbuh l-isfel seba’ sulari. L-attur ma kellu ebda *safety rope* jew *harness* marbuta mieghu, u kien fi stat ta’ *free walking* fuq il-bini l-gholi meta sehh l-incident. Jidher li l-attur kien qed jigbor il-hadid f’*bundles*, jorbothom mal-*crane* u jnizzilhom fejn mehtieg. Huwa kien qed jigwida l-*crane*, meta serrah il-hadid fuq speci ta’ sodda mistrieha fuq *bricks*. Il-forza tal-mazz tal-kannen li kien tefa’ fuq il-*bricks* kienet tant, li *brick* xpakkat. L-attur kien qed jimmanuvra l-*crane* waqt li hu stess kien fuq l-ispeci ta’ lqugh li ghamel fuq il-*bricks*. Bil-piz tal-kannen u l-agitazzjoni tieghu fuq il-*bricks*, *brick* tkissret, u l-mazz tal-kannen sfaxxa. Parti minn dawn il-kannen waqghu ghall-isfel, u waqghu lill-attur ghal isfel ukoll.**

**“Il-principji li jirregolaw ir-responsabilita` ta’ sid ta’ intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ingliza *Wilsons and Clyde Coal Co. v. English*, deciza mill-*House of Lords* fil-1937, Lord Maugham osserva:**

***""In the case of employments involving risk … it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant, appliances, and works; secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business, and thirdly to provide a proper system of working"***

**"Fil-kawza *Calleja v. Fino*, deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1980, gie kwotat b'approvazzjoni li:**

***""It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this".***

**"Fil-kawza *Borg v. Wells et* deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Settembru, 1981, kompla jizdied li:**

***""In planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"*.**

**"Fil-kawza *Grech v. Ellul*, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Gunju, 1996, intqal:**

***""It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work".***

**"Fil-kawza *Grech v. Farrugia*, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994, intqal li:**

***""Il-makkinarju ghandu jkun imhares b'mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u***

***prudenza li wiehed jistenna bhala normalita` u dan biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni ta-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun, fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali".*** **(ara wkoll *Bugeja v. Montanaro Gauci noe*, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta` Mejju, 2004).**

**"Ghar-rigward ta' *safety equipment* u armar prattiku u sikur ghall-haddiema, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza *Pulizija v. Attard*, deciza fit-2 ta` Settembru, 1999, osservat illi minn ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm *available* l-apparat ta' *safety* (bhal *harness* u *scaffolding*), izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta' *safety equipment*, u jara li din l-ordni tigi segwita.**

**"F'dan il-kaz, jidher car li l-konvenut naqas bis-serjeta` milli jiehu hsieb is-sahha tal-haddiema, u donnu l-attitudini tieghu kienet li jhalli lill-haddiema ghal ghonq it-triq billi jahsbu huma kif u b'liema mod iwettqu xogholhom. Il-konvenut ma hax hsieb li jara li x-xoghol li jwettqu l-haddiema jkun *"properly superintended"*, u lanqas ma inkariga *foreman* bi dmir preciz u specifiku li jara li l-haddiema ma jiehdux riskji zejda u ma jahdmux minghajr *safety equipment*.**

**"Fil-kuntest tal-obbligu ta` min ihaddem intqal li *"There are then a number of clearly identifiable factors which the judge will have in mind in deciding whether an employee's claim should be successful – in effect the 'ingredients' of reasonable care" – Whincup, "Modern Employment Law" (6th Edit. P. 198).* L-ingredjenti li jilenka dan l-attur** [recte: awtur]**, huma s-segwenti:**

***""(1) First and foremost is the question of the <u>likelihood</u> or otherwise of injury. The more likely or probable an accident is, the greater the duty to guard against it. But, if there is only a remote possibility of***

***danger, the need for precautions is usually much reduced.***

***(2) The second factor helping us to decide whether an employer took reasonable care is that of the potential <u>seriousness</u> of injury. If a certain process or product could cause a disastrous accident, any reasonable employer would take the greatest possible care to avoid it. Such stringent precautions would still be necessary even though the chances of the accident happening were in fact quite small.***

***(3) The third 'ingredient' is the <u>obviousness</u> of the danger. Since an employer can only guard against hazards he knows or ought to know about he cannot usually be blamed for injuries caused by hidden or unexpected dangers. But on the other hand he might be held liable if a proper research, training or information-flow system would have revealed the risks in question.***

***(4) The fourth factor is the <u>cost of safety</u>. Essentially the law's task is to balance out society's desire for profit and the individual worker's demand for safety and welfare. It rarely resolves a safety problem by forbidding work to be carried on at all or by requiring precautions so expensive as to drive the employer out of business – though such a conclusion may possibly be reached if the danger is extreme and there is no other way of avoiding it.***

***(5) Lastly we should recognize the <u>inherent risk</u> factor. All kinds of work involve varying degrees of risk about which little or nothing can be done. This is well recognized in the context of mining, steeple-jacking, oil ring work, and the like, but the point is equally true of much more humdrum jobs".***

**"F'dan il-kaz, ghalkemm ix-xoghol tal-attur kien jinvolvi certu riskju, kellu jidher car ghal min ihaddem li x-xoghol kellu *"likelihood"* li jwassal ghal incident, u li dan l-incident, meta jsehh, kien ikun wiehed serju u**

**li, ghalhekk, hu kellu jiehu prekawzjonijiet stringenti biex ihares kontra xi incident ta’ dik in-natura. Kif intwera, huwa dmir ta’ min ihaddem biex ihares anke kontra xi att negligenti u traskurat tal-haddiem, ghax hu maghruf li n-nuqqas ta’ attenzjoni u ghaqal mill-haddiema, hija, fil-maggoranza tal-kazijiet, rizultat tal-istess hidma industrijali, hafna drabi ripettitiva u monotona, li jaghmel il-haddiem. Ma kellux ikun mistenni li l-attur kellu jaghmel kalkolu hu ta’ kemm kannen jifilhu l-*bricks*, u lanqas ma kellu jkun mistenni li jkun jaf is-sahha tal-*bricks*. Ma jirrizultax li l-imghallem ghadda xi informazzjoni f’dan is-sens lill-attur, u dan kien mistenni jopera bl-intuwitu tieghu. Hu dover ta’ min ihaddem *“to leave nothing to chance”*, u kellu jghaddi lill-attur istruzzjonijiet precizi ta’ kif kellu jahdem.**

**“Il-Qorti, ghalhekk, issib li l-konvenut ghandu jerfa’ rresponsabbilita` kollha ghall-incident, peress li naqas li jipprovdi nies mistharga** [recte: imharrga] **biex isegwu x-xoghol tal-haddiema tieghu, u, anke jekk ipprovda *safety equipment* (dak li ma jirrizultax), talli naqas li jassigura li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta’ *safety equipment*; huwa ukoll naqas li jqies il-probabilita` u l-gravita` tal-incident u per konsegwenza naqas li jiehu passi preventivi kontra kull incident.**

**“Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni jirrizulta li l-attur kellu 26 sena meta sehh l-incident, kellu paga ta’ Lm194.50 *gross* kull hmistax, u ma jidhirx li kellu livell ta’ edukazzjoni gholja, tant li ma jafx jaqra u jikteb regolarment, izda bil-kemm jiddobba. B’rizultat tal-incident, l-attur baqa’ immankat f`idu l-leminija, u ma jistax jaghmel l-istess xoghol li kellu qabel, tant li issa fetah hanut tal-haxix (*green grocer*). Jidher pero`, li ghal xi zmien wara l-incident baqa’ jahdem mal-konvenut peress li baqa’ jircievi salarju minghand il-konvenut zgur sa Novembru 2002.**

**“Dwar il-*multiplier*, din il-Qorti, wara li qieset ilgurisprudenza ricenti fir-rigward (ara, per ezempju,**

***Caruana v. Camilleri*, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004), u c-*"chances and changes of life"*, sejra tadotta figura ta' 28.**

**"Dwar id-dhul tal-attur, kif inghad, ma jidhirx li l-attur kellu wisq prospetti li javvanza f'xi karriera, pero`, li hu zgur hu li hu seta', bl-esperjenza, javvanza fix-xoghol u d-dhul tieghu kien jizdied; dan kien isehh anke b'rizultat taz-zidiet li jkun hemm fil-pagi regolarment minhabba ziedet fir-rata tal-inflazzjoni. Il-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, sejra tadotta dhul annwali ta' Lm6,000, mil-liema somma m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba t-taxxa (ara *Muscat v. Schembri*, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-P.A.Y.E. jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara *Caruana vs Farrugia*, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).**

**"Dwar ir-rata ta' dizabilita`, l-attur jallega li kellu dizabilita` ta' izjed minn 23%. L-espert mediku nominat mill-Qorti, pero`, stima d-dizabilita` li qed isofri l-attur kagun tal-incident li kellu ta' 12%, b'dana li ladarba jitnehha l-pjanca u il-viti mill-*'humerus'* tal-lemin, id-dizabilita` tonqos ghal 4%. Ma jirrizultax jekk l-attur ghamilx l-operazzjoni biex inehhi l-pjanca u l-viti, u lanqas jekk tali operazzjoni ghadhiex vijabbli. Fic-cirkostanzi, u mehud kont tal-fatt li l-espert mediku ma setax jelimina kompletament ir-riskju ta' infezzjoni fid-driegh tal-lemin, anke jekk jitnehhew il-pjanca u l-viti, din il-Qorti thoss li ghandha tadotta percentagg ta' dizabilita` ta' 8%.**

**"Ghalhekk, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jigi kkalkulat kif gej: Lm6,000 x 28 x 8% = Lm13,440.**

**"Peress li l-attur sejjer jiehu l-kumpens f`daqqa, ghandu jsir tnaqqis biex taghmel tajjeb ghall-fatt li se jgawdi l-flus millum (*"lump sum deductions").* Peress li l-incident sehh sitt snin ilu, dan it-tnaqqis ghandu jkun ta' 14%. B'hekk, il-kumpens ghandu jkun ta` Lm11,558.**

**“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attur, tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li fih wegga’ l-attur, u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas, in linea ta’ danni, is-somma ta’ Lm11,558 (hdax-il elf, hames mija u tmienja u hamsin liri Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.**

**“L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.”**

**<u>L-appell u l-appell incidentali</u>**

**2.** L-aggravji tal-attur kontra din is-sentenza jirrigwardaw il-moltiplikatur, il-percentwali ta’ dizabilita`, kif ukoll it-tnaqqis minhabba l-*lump sum payment*. It-talba tal-appellant hija s-segwenti:
“...l-esponent jitlob bir-rispett lil din il-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Lulju 2007, billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza fejn gew milqugha t-talbiet attrici u ddikjarat illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident, u tirriforma l-likwidazzjoni tad-danni inkwantu **i**) l-multiplier adottat ghandu jkun ta’ hamsa u tletin (35) u mhux tmienja u ghoxrin (28); **ii**) illi l- percentagg ta’ dizabilita` permanenti ghandu jkun ta’ tlieta u ghoxrin fil-mija (23%) u mhux tmienja fil-mija (8%) u **iii**) illi m’ghandux ikun hemm tnaqqis percentwali mil-lump sum payment.”

**3.** Fir-risposta ghall-appellipprezentata nhar l-10 ta’ Awissu 2007, l-konvenut talab li s-sentenza ghandha tigi konfermata in parte, u, kif diga` inghad aktar ‘l fuq, ipprezenta kontestwalment appell incidentali. Rigward it-tliet aggravji tal-attur huwa wiegeb hekk:

“Illi kwantu l-ewwel aggravju, jigi sottomess bir-rispett li l-*multiplier* fil-kaz tal-*lucrum cessans*, huwa ezercizzju tad-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti kif stabbilit mill-gurisprudenza nostrali fil-kamp ta’ danni sofferti minn persuna…Illi kwantu ghat-tieni aggravju dan ghandu jigi michud u f’dan in rigward l-esponent qieghed iressaq l-

appell incidentali, li qed jigi intavolat kontestwalment. Illi kwantu ghat-tielet aggravju, il-gurisprudenza taghha [recte: taghna] tirrizulta favur it-tnaqqis mil-*lump sum payment* illi jsir. Huwa principju stabbilit li mis-somma li tirrizulta wara li jsir il-kalkolu a bazi ta' Butler vs Heard, issir dan l-ammont (*sic!*) ghandu jkun hemm tnaqqis kif del resto ghamlet l-ewwel Qorti. Illi l-*quantum* tat-tnaqqis ukoll dwar l-ezercizzju (*sic!*) tad-diskrezzjoni tal-Qorti."

**4.** Fl-appell incidentali, il-konvenut talab "illi din l-Onorabbli Qorti ta' Appell tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti addottat il-*multiplier* ta' tmienja u ghoxrin (28), kif ukoll it-tnaqqis ta' *lump sum* deciz fl-istess sentenza, u tirriforma s-sentenza [billi] tvarja l-parti fejn sabet l-esponent unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza, u tvarja l-persentagg [recte: percentwali] ta' dizabilita` sofferta mill-attur ghall-aktar persentagg baxx indikat mill-Perit Mediku."

**5.** Fir-risposta tieghu ghall-appell incidentali, l-attur issottometta "illi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti illi l-konvenut kien u huwa unikament responsabbli ghall-incident ghandha tigi konfermata minn din l-Onorabbli Qorti." Rigward it-tieni aggravju, l-attur qal li dan huwa wkoll wiehed mill-aggravji li huwa ssottometta fir-rikors tieghu tal-appell fejn talab li s-sentenza tigi riformata fis-sens li l-attur ghandu jinghata percentwali <u>akbar</u> minn dak li gie deciz mill-Ewwel Qorti.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

**6.** Din il-Qorti ghandha quddiemha appell li fih tliet (3) aggravji li jikkoncernaw id-determinazzjoni tal-*quantum* tar-rizarciment u cioe`:

a. il-mod kif gew kalkolati d-danni *lucrum cessans* u partikolarment fir-rigward tal-"multiplier" li gie applikat;
b. il-percentwali ta' d-debilita` permanenti li giet ikkunsidrata; u,
c. it-tnaqqis minhabba l-*lump sum payment*.

Ghandha wkoll quddiemha appell incidentali li fih zewg aggravji li jikkoncernaw (1) ir-responsabbilita` ta' min ihaddem ghall-incident *de quo* u (2) l-percentwali tad-dizabbilita`.

**7.** Issa, kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni ezercitata mill-qorti tal-prim istanza, izda tiddisturbaha meta jkun hemm ragunijiet validi li jindikaw li ghandu jsir hekk[1]. Din il-Qorti taghmel ezami approfondit tal-provi u tal-ligi applikabbli, u jekk tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura, iva, tintervjeni u tiddisturba dik id-diskrezzjoni. Skond l-awturi Dias u Markesinis: "an appellate court will not interfere unless it can be shown that the trial court had erred in principle, or misapprehended the facts, or is clearly seen to have been wrong."[2] Fi **Francis Meilaq u Rose Mary konjugi Meilaq pro et nomine v. Brian Bonnici**[3] [Appell Civili numru 1190/1997/1], din il-Qorti, diversament komposta, osservat li:

"… fil-likwidazzjoni tal-kumpens ghat-"telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem (l-persuna involuta) minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib" (Art. 1045(1)) il-qrati dejjem haddmu d-diskrezzjoni moghtija lilhom skond is-subinciz (2) tal-istess Artikolu 1045 billi dejjem hadu in konsiderazzjoni "ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara." Il-mod indikat fis-sentenza ta' l-1967[4] ta' kif il-qorti tasal ghall-ammont ta' kumpens li ghandu jigi akkordat lid-danneggjat huwa biss strument li jiffacilita` l-ezercizzju tal-gudikant fil-komputazzjoni tal-"quantum", izda finalment huwa mholli fl-arbitrju ghaqli u prudenti tal-gudikant li jara li kemm jista' jkun id-danni jkunu jirriflettu <u>dak li hu gust u xieraq fic-cirkostanzi</u>."

---

[1] **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et**, Qorti ta' l-Appell deciza 10 ta' Jannar 1995
[2] *Tort Law*(2nd edn., 1992) Oxford University Press pag. 491-492
[3] Appell Civili numru 1190/1997/1, deciz 27 ta' Frar 2003
[4] **Butler v. Heard**, 1967

**8.** Issa, fil-kaz in dizamina, l-impjegat xoghlu kien primarjament ta' *tower crane operator* izda kien jigi mqabbad jaghmel xogholijiet ohra kif ighid hu stess fl-affidavit tieghu[5] : "… u meta ma kontx naghmel hekk ghax ma kienx hemm xoghol ghalihom kont mitlub li nzarma *shutters* u ntella affarijiet fil-gholi permezz ta' apparat konnessi mal-*crane*." U fil-kontro-ezami qal "iqabbduni naghmel xoghol ezempju inaddaf xi *site.*" Hareg car li l-impjegat kien wahdu meta gara l-incident. Kien okkupat mhux biss li jhaddem il-*crane* permezz ta' apparat bir-*"remote control"* marbut ma' qaghdtu izda wkoll li jigbor u jorbot il-kanen. Jirrizulta li x-xoghol ta' zarmar tal-pajpijiet kien inbeda minn haddiema ohra u l-konvenut appellat ircieva struzzjonijiet sabiex ikompli fejn kienu hallew huma. Hu qal waqt il-kontro-ezami li "meta sehh l-incident il-pajpijiet li kien hemm qabel kienu sarmawhom [recte: zarmawhom] haddiema ohra u poggewhom f'genb [ ] kienu qaluli li kien hemm *pipes* ohra u b'hekk bdejt nopera l-*crane* biex ingib dawk il-*pipes* u npoggihom mal-bqija tal-*pipes* li hallew il-haddiema l-ohra."[6] Waqt l-inkjesta Magisterjali, Raymond Vella, li kien ukoll impjegat mal-konvenut, xehed bil-gurament li: "qabel ma gara l-incident, jien kont rajt lil Francis jahdem. Il-kanen kien rabathom hu stess u hallhom hu wkoll."[7] L-istess Vella jissokta ighid li: "… Francis kien attent hafna, anzi kultant jibza' u ma jersaqx fix-xifer bla bzonn". Xhud iehor waqt l-inkjesta Magisterjali, Mario Sciberras qal li huwa kien ilu jaf lil Francis Gauci madwar hames snin u li dan Gauci "kien tal-affari tieghu fis-sens li kien attent fix-xoghol."[8] Minn dawn il-fatti u ohrajn li jinsabu mxerrda tul il-process kollu, jirrizulta bic-car li fuq il-lant tax-xoghol fejn gara l-incident kulhadd kien jahdem ghal rasu minghajr ma jinghata struzzjonijiet specifici u minghajr supervizjoni. L-attur appellant stess, waqt il-kontro-ezami tieghu, izid ighid li: "jien dak in-nhar hadd ma qalli biex noqghod f'xi

[5] A fol. 60
[6] A fol. 79 - 81
[7] A fol. 106
[8] A fol. 107

post partikolari jew biex nahdem b'xi mod partikolari imma normalment hekk isir."[9]

**9.** Wara li gharblet sew il-provi kollha prodotti u rrizultalha li l-attur appellant gie espost ghall-perikolu minn min ihaddmu, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-konvenut appellat ghandu "jerfa' r-responsabbilita` kollha ghall-incident, peress li naqas li jipprovdi nies mistharga [recte: imharrga] biex isegwu x-xoghol tal-haddiema tieghu, u, anke jekk ipprovda *safety equipment* (dak li ma jirrizultax), talli naqas li jassigura li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta' *safety equipment*; huwa ukoll naqas li jqies il-probabilita` u l-gravita` tal-incident u per konsegwenza naqas li jiehu passi preventivi kontra kull incident." U ma dawn il-konkluzjonijiet din il-Qorti zzid ukoll li f'dan il-kaz il-konvenut naqas li jipprovdi lill-impjegati tieghu dak li bl-ilsien Ingliz jissejjah "a safe place of work". Skond l-awturi Dias u Markesinis[10]: "whether the place of work is safe or not depends on the circumstances and the nature of the place. The requisite standard is that of the reasonably prudent master. A place originally safe may subsequently become unsafe because of some new factor…" u "… Although a master is, in most cases, under no duty to inspect the premises where his servant will have to work, he is still under a duty to provide proper instructions and the necessary implements, nor will he be necessarily absolved of liability if he proves that the servant was aware of the danger and had not objected to it."[11]

**10.** Fl-appell tieghu, l-attur appellant ma jikkontestax li huwa kellu dhul ta' €453.06 (ekwivalenti skond il-munita l-qadima ghal Lm194.50) kull hmistax-il gurnata, u li l-ewwel Qorti ghamlet il-kalkoli taghha fuq dhul annwali fl-ammont ta' €13,976.24 (ekwivalenti ghall-munita qadima ta' Lm6000) minghajr tnaqqis ghal ragunijiet fiskali jew statutorji ohra. Izda huwa jilmenta li l-*multiplier* ta' tmienja u ghoxrin (28) sena hu baxx wisq u, wara li jelenka ghadd ta' sentenzi fejn il-Qrati applikaw *multiplier* oghla, jghid li f'dan il-kaz il-*multiplier* gnandu jibda mid-data li fiha sehh

---

[9] A fol. 81
[10] *Tort Law* (2nd edn., 1992) Oxford University Press pag. 375
[11] *Ibid*.

l-incident sad-data tal-eta` pensjonabbli, biex b'hekk tali moltiplikatur ikun ta' hamsa u tletin (35) sena.

**11.** L-ewwel Qorti adottat il-figura ta' 28 sena wara li kkonsidrat il-gurisprudenza ricenti fir-rigward, u b'mod partikolari rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**[12] fejn din il-Qorti (diversament komposta) kienet naqqset il-*multiplier* minn 30 sena ghal 25 sena fil-kaz ta' persuna li meta sehh l-incident kellha 30 sena. L-istess Qorti qieset ukoll il-fattur tac-"chances and changes of life." Fis-sentenza fl-ismijiet Francis **Mejlaq u Rose Mary konjugi Meilaq pro et noe vs Brian Bonnici**, gja` msemmija *supra*, din il-Qorti (dejjem diversament komposta) fissret li:

"il-kuncett ta' "the changes and chances of life" gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, l-hajja tghallimna mod iehor. Ghalhekk fl-eventwalita`, li d-danneggat, ghal xi raguni kompletament indipendenti mid-dizabilita` subita fl-incident, kellu jmut qabel ma jilhaq il-massimu tal-hajja lavorattiva tieghu, tkun saret ingustizzja mal-parti li kkawzat d-danni billi din tkun hallset ghall-perijodu meta effettivament d-dizabilita` tad-danneggat tkun ghal kollox irrelevanti billi dan ikun miet. Isegwi li d-danni li ghandhom jigu akkordati jridu jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn d-dritt tad-danneggat u l-obbligu tad-danneggant. Tenut kont ta' dan isegwi li l-"working life expectancy" ma ghandux jigi, kif qatt ma gie, konsiderat kollu ghall-fini tal-fissazzjoni tal-"multiplier"."

**12.** Hu minnu li hemm gurisprudenza, parti minnha msemmija anke fir-rikors tal-appell, fejn il-Qrati taw terminu li estenda sal-eta` tal-pensjoni. Izda, minkejja dan, l-ewwel Qorti qaghdet fuq il-hsieb li jinstab f'decizjonijiet ohra li ma naqsux li jiehdu konsiderazzjoni tal-kuncett ta' "the changes and chances of life". In vista tac-cirkostanzi kollha, u b'mod partikolari li l-konvenut appellanti kellu

[12] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-27 ta' Frar 2004

sitta u ghoxrin (26) sena meta sehh l-incident, din il-Qorti hi tal-fehma li l-*multiplier* (cioe`, l-figura ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena) li l-Ewwel Qorti applikat kien ekwu u gust. Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

**13.** L-attur appellant hassu aggravat ukoll bil-fatt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qieset s-sottomissjoni tieghu li kellu dizabilita` ta’ izjed minn 23% bhala “allegazzjoni”. L-appellant isostni li ma kinitx semplici allegazzjoni peress li l-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kien stabbilixxa percentwali ta’ 23% ghad-dizabilita` li huwa kien garrab. Skond l-appellant, peress li l-pjanca u l-viti, inseriti fil-kors tal-operazzjoni, kienu ghadhom f’posthom, l-ewwel Qorti kellha tadotta rata aktar gholja milli addottat u cioe` ta’ 12% kif stabbilita mill-espert mediku. Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant iqis fattur iehor “importanti” li ghandu jigi kkunsidrat u cioe`: “il-fatt illi l-appellant m’ghandux preparazzjoni letterarja idonea sabiex jaghmel kwalunkwe xoghol u ghalhekk minhabba dan l-incident huwa kellu jsib alternattiva adegwata ghalih. Qabel l-incident l-appellant kien jaghmel xoghol manwali tqil u wara l-incident dan ma setax ikompli jaghmlu – ghalhekk gie michud minn parti sostanzjali tal-hajja lavorativa tieghu.”[13] In sostenn ta’ dan kollu, l-appellant irrefera ghall-gurisprudenza u talab li fic-cirkostanzi ghandu jigi applikat il-principju tar-*restitutio in integrum*.

**14.** Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat ikkontesta t-tieni aggravju tal-attur appellant u pprezenta appell incidentali f’dan ir-rigward, cioe` fir-rigward tal-percentwali ta’ dizabilita`. Huwa jsostni li fil-kwantifikazzjoni tad-danni l-Qorti ghandha toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit mediku li nhatar mill-istess Qorti u tiskarta kwalunkwe sottomissjoni jew kwalunkwe dokument li jaghti percentwali differenti. Huwa ssottolinea l-kriterju li “d-danneggjat ghandu jaghmel dak kollu li jirrijentra fil-fakoltajiet sabiex jimminimizza d-danni subiti sabiex ma jirrekax pregudizzju ekonomiku mhux necessarju” u li “min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull

[13] Ara pagna 7 tar-rikors ta’ appell

dannu li ragjonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu u li ghalhekk min isofri d-danni ghandu jaghmel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom u jissalvagwardja, bhala *bonus paterfamilias*, l-interess ta' min ikun tenut ihallashom." Il-konvenut appellat talab li l-likwidazzjoni ssir fuq l-aktar rata baxxa "jekk l-attur b'intervent semplici, kif spjega l-Perit Mediku, jista' jtejjeb il-qaghda medika tieghu."

**15.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rapport tal-perit mediku, il-kirurgu ortopediku Mr Charles Grixti, u l-konkluzjonijiet tieghu fil-konfront tal-provi attenibbli[14], u hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a. In-ness ta' kawzalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza ma giex kontestat.

b. L-ewwel Qorti stabbiliet ir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) bhala percentwali ghad-dizabbilita` wara li kkonsidrat (i) il-konkluzjonijiet tar-rapport mahluf tal-perit mediku mahtur minnha stess bil-ghan li jistma d-dizabilita' tal-attur appellant, u dak li wiegeb meta ssejjah in eskussjoni[15] kif ukoll (ii) ir-riskju fl-eventwalita` li l-attur appellant jissottometti ruhu ghal operazzjoni sabiex jitnehhewlu pjanca u viti mill-*humerus* tal-lemin. L-espert mediku sab li Gauci sofra ksur fi drieghu tal-lemin "li kien ikkumplikat b'infezzjoni u li ma setax jaghqad u li kellu bzonn operazzjoni ohra bil-'bone graft' u stabilizazzjoni bi-pjanca u viti biex dan seta' jaghqad."[16] Sofra wkoll ticrit fil-fwied u fis-serosa tas-*caecum* u hsara fin-nerv li jissupplixxi s-saba z-zghir u dak tac-curkett kif dan jitlaq minn l-ghonq u jidhol fid-driegh tal-lemin. Skond l-espert mediku il-ksur tal-kustilja fuq il-lemin u t-ticrit fil-fwied tal-lemin u fis-*serosa* tas-*caecum* ma hallew l-ebda dizabbilita`. Ghar-rigward in-nerv tad-driegh tal-lemin, l-espert mediku qal li l-hsara "jirrizulta f'zieda ta' hass (*hyperesthesia*) fuq in-naha ta' gewwa tad-driegh ta' fuq u t'isfel, kif ukoll fis-seba z-zghir u tac-curkett tad-driegh tal-lemin. Din issa hija

[14] Ara r-rapport a fol. 151 sa 157
[15] Ara fol 178 *et seq.*
[16] A fol. 156

permanenti u ser tibqa’ hemmhekk u tista’ taffetwa l-pazjent jekk jahbat id-driegh jew l-id tal-lemin ma’ xi oggett.”[17] Meta l-imsemmi kirurgu ortopediku gie eskuss[18], huwa fisser li “il-pjanca u l-viti li gew inseriti … jistghu jitnehhew generalment meta jkun persuna ta’ eta’ zghira huwa desiderabbli illi *foreign bodies* jitnehhew u dan peress illi jkun hemm iktar cans ta’ infezzjoni minn xi *bacteria* li jkun hemm fid-demm.”[19] Hu qal ukoll li “fil-kaz ta’ l-attur jiena nkun navzah li jista’ jkun hemm *damage* fin-*nerve* … meta jsir l-intervent biex jitnehhew il-pjanca u l-viti pero` xorta wahda jien naghtih il-parir li jsir l-intervent. Kif ghidt skond l-opinjoni tieghi l-intervent ghandu jsir pero` jekk il-pazjent jirrifjuta u ghandu dritt jirrifjuta jekk ma jridx jiehu riskju allura l-intervent ma jsirx.”[20] Dwar l-effett li intervent kirurgiku jista’ jkollu, l-espert mediku qal li “anki jekk isir l-intervent biex jitnehha l-*plate* u l-viti ghall-ewwel il-moviment jonqos pero` imbaghad bit-terapija l-moviment jerga’ jigi pero` jibqa’ kif inhu u mhux jigi bhal dak ta’ bniedem normali.”[21] L-espert mediku fil-konkluzjoni tar-rapport tieghu stabbilixxa percentwali ta’ 12% dizabilita` kawza tal-incident li sehh nhar l-20 ta’ Novembru 2001. Huwa qal li kemm-il darba jsir l-intervent biex jitnehhew il-pjanca u l-viti mill-*humerus* tal-lemin, id-dizabbilita` tonqos ghal 4%. Fis-sottomissjonijiet tieghu dwar it-tieni aggravju fl-appell incidentali, il-konvenut appellat ippretenda li l-likwidazzjoni ghandha ssir fuq l-aktar rata baxxa u cioe` 4%, u dan ghax, skond hu, jista’ jsir intervent li jista’ jtejjeb il-qaghda medika ta’ Gauci. Izda din il-Qorti hi tal-fehma li qorti m’ghandhiex tigi mitluba taghti skala ta’ percentwali ffissata minn qabel f’kaz li tigri eventwalita` bhal, nghidu ahna, intervent kirurgiku li jista’ jtejjeb il-qaghda ta’ dak li jkun. Voirin u Goubeaux[22] huma tal-fehma li “Pour évaluer le *prejudice corporel*, il est interdit aux juges de se referrer á un barème préétabli (tant pour un bra, tant pour un œil, etc.)”. Per ezempju, ix-*Chambre Criminelle de la Cour de Cassassion*[23] ta’ Franza ma kienitx ippermettiet li

[17] Fol. 157
[18] Fol. 178-180
[19] A fol. 179
[20] A fol. 180
[21] A fol. 180
[22] Manuel Droit Civil, Tome 1, 24th edition, Pierre Voirin / Gilles Goubeaux, pag. 455
[23] Ibid.

l-ammont tar-risaciment ikun ridott meta l-vittma kienet irrifjutat li tissottometti ruhha ghal operazzjoni beninja. Ghalhekk, fil-mument li fih giet biex tistma r-rata ta' dizabilita` f'dan il-kaz, il-Prim Awla ma setghetx taghti minn qabel rata li tkun l-aktar rata baxxa (u cioe' 4%) ghax ma ngiebet ebda prova jekk l-attur appellant kienx effettivament se jaghmel l-operazzjoni jew jekk irrifjutax li jaghmilha, jew, addirittura, jekk kinitx aktar vijabbli li ssir. Ghalhekk, l-Ewwel Qorti in vista ta' r-rizultanzi hawn fuq imsemmija kellha tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, u fid-diskrezzjoni taghha iddecidiet dwar il-percentwali ta' dizabilita`: "Ma jirrizultax jekk l-attur ghamilx l-operazzjoni biex inehhi l-pjanca u l-viti, u lanqas jekk tali operazzjoni ghadiex vijabbli. Fic-cirkostanzi, u mehud kont tal-fatt li l-espert mediku ma setax jelimina kompletament ir-riskju ta' infezzjoni fid-driegh tal-lemin, anke jekk jitnehhew il-pjanca u l-viti, din il-Qorti thoss li ghandha tadotta percentagg ta' dizabilita` ta' 8%."

c. In-nota tal-attur bid-dokumenti mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali[24] m'humiex cari, ma jindikawx min kienu t-tobba b'mod partikolari l-konsulent ortopediku li ghalih issir referenza fl-ittra tal-5 ta' Mejju 2003 u lanqas il-kriterji li wassluhom jikkonkludu ghall-iskop dejjem tal-beneficcju mahrug lill-attur mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li l-istess attur kellu percentwali ta' 23% dizabilita`. Kemm l-ittra tal-5 ta' Mejju 2003 ffirmata mill-ufficjal tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kif ukoll il-kopji tal-Industrial Injuries (Working Sheet) m'humiex certifikati bhala veri kopja u l-anqas huma guramentati. La t-tobba u lanqas il-firmatarju tal-ittra ma gew imsejha jikkonfermaw id-dokumenti u l-konkluzjonijiet taghhom dwar id-dizabilita` u l-percentwali adottata ghall-finijiet tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali; u,

d. Ma kienx hemm talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali.

---

[24] A fol. 168 - 171

**16.** Fir-rikors tieghu tal-appell, l-appellant jikkritika d-decizjoni li mil-*lump sum* ghandu jkun hemm tnaqqis ta' erbatax fil-mija (14%), u filwaqt li jikkonsidra dan il-percentwali ta' tnaqqis bhala wiehed ezagerat, isostni li ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis mis-somma. In sostenn ta' din il-fehma l-appellant jelenka ghadd ta' sentenzi fejn il-Qorti varjat il-percentwali. Issa, l-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha ibbazat id-decizjoni taghha li jkun hemm it-tnaqqis ta' 14% fuq zewg kriterji u cioe`: (1) "ghandu jsir tnaqqis biex taghmel tajjeb ghall-fatt li se jgawdi l-flus mil-lum ("lump sum deductions")" u (2) "peress li l-incident sehh sitt snin ilu". Peress li din hija materja ftit jew wisq imhollija fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti, u peress li fil-kaz in dizamina din id-diskrezzjoni ma jirrizultax li giet ezercitata b'mod zbaljat, din il-Qorti ma tarax li ghandha tintervjeni[25]. Ghalhekk it-tielet aggravju tal-attur qed jigi wkoll respint.

**Decide**

**17.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja li tichad l-appell tal-attur kif ukoll l-appell incidentali tal-konvenut, tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata. L-imghax legali fuq is-somma jibda jiddekorri mil-lum sal-pagament effettiv. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu hekk: dawk kollha konnessi ma' dan l-appell tal-attur jithallsu mill-istess attur waqt li l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez kollha konnessi ma' l-appell incidentali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[25] Ara **Annunzjata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**, aktar 'l fuq imsemmija